MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 171/1998/1

Ganni Grech,
Wistin Grech,
Pawlu Grech,
Francis Grech,
Maria mart Carmel Portelli,
Carmen mart Victor Scicluna,
Jessie Sultana,
Patricia Vella,
Georgina Cordina.

vs

Loreta mart George Galea.
Toni Grech,
Karmenu Grech,
U b'degriet tad-29 ta' Ottubru, 1998
Dr. Grazio Mercieca LL.D. ġie nominat u
b'degriet tat-8 ta' Jannar, 1999 l-inkarigu
ta' Dr. Grazio Mercieca gie revokat, u
gie nominat minfloku Carmelo Grech

kuratur Depuat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Lucy mart Lawrence Galea, u Nazzareno Grech.

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi fis-sitta (6) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u tlieta u sebgħin (1973) miet f'Għajnsielem, Għawdex, Joseph Grech iben il-mejtin Anthony Grech u Mary nee' Bugeja, imwieled Għajnsielem, Għawdex fejn kien joqgħod, u dan kif jidher mill-anness ċertifikat tal-mewt tiegħu (Dok A);

Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija tnejn u disgħin (1992) mietet f'Victoria Għawdex, Mary Jane armla ta' Joseph Grech bint il-mejtin Ganni Magro u Maria nee'Camilleri, imwielda Xewkija, Għawdex u kienet toqgħod Għajnsielem, Għawdex, u dan kif jidher mill-anness ċertifikat tal-mewt tagħha (Dok b);

Illi l-wirt u s-suċċessjoni ta' l-imsemmija Joseph u Mary Jane Grech huma regolati permezz ta' testment unica Charta illi huma għamlu flimkien fl-għoxrin (20) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija wieħed u sittin (1961) fl-atti tan-Nutar Antonio Galea (Dok C) li fih ħatru lit-tnax (12) uliedhom bħala eredi universali tagħhom;

Illi l-atturi bħala eredi tal-imsemmija Joseph u martu Mary Jane Grech ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' kommunjoni għar-rigward ta' l-eredita' tal-ġenituri tagħhom Joseph u Mary Jane konjuġi Grech;

Illi l-konvenuti għalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal din id-diviżjoni bonarja, inkluż permezz ta' ittra uffiċċjali tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Gunju ta' l-elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) dawn dejjem baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Taħtar amministratur sabiex jamministra l-beni ippossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta' l-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Mary Jane konjugi Grech billi jiġi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

3. Taqsam il-komunjonita' l-akkwisti hekk likwidata f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-assi partikolari tal-konjuġi Grech;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Grech billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-fors tal-kawża;

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Joseph Grech fi tnax-il porzjoni li jiġu assenjati waħda kull wiehed lit-tnax l-ulied ta' l-istess Joseph Grech jew is-superstiti taghhom;

6. Kemm-il darba jirrizulta li l-bini ta' imsemmi Joseph Greech jew uħud minnhom ma humiex diviżibbli tordna l-bejgħ ta' l-istess b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi pperċepit ugwalment bejn it-tnax l-ulied ta' l-istess Joseph Grech jew is-superstiti tagħhom;

7. Tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Mary Jane Grech billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

8. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Mary Jane Grech fi tnax-il porzjoni li jiġu assenjati waħda kull wieħed lit-tnax l-ulied ta' istess Mary Jane Grech jew is-superstiti tagħhom;

9. Kemm-il darba jirriżulta li l-beni ta' l-imsemmi Mary Jane Grech jew uħud minnhom ma humiex diviżibbli tordna l-bejgħ ta' l-istess b'liċitazzjoni sabiex ir-

rikavat jiġi pperċepit ugwalment bejn it-tnas l-ulied ta' l-istess Mary Jane Grech jew is-superstiti tagħhom;

10. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni w assenjazzjoni ta' leġittima f'dik id-data, ħhin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju ta' l-elf disa' mija tmienja u disgħin (1998).

Il-konvneuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Ganni Grech.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Grazio Mercieca nominat kuratur sabiex jirrapreżenta lill-imsefrin Lucy mart Lawrence Galea u Nazzareno Grech, li eċċepixxa illi:

Illi huwa ġie nominat kuratur wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni u għalhekk mhux korrett li ġie nterpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u qsim tal-wirt in kwistjoni permezz tal-ittra uffiċċjali msemmija mill-atturi fl-istess ċitazzjoni u kwindi din l-azzjoni hija ntempoestiva fil-konfront tal-persuni msifrin minnu rappreżentati;

Illi filwaqt li l-atturi jippremettu li l-konjuġi Joseph u Mary Jane Grech ħatru lit-tnax uliedhom bħala werrieta, hemm erbatax-il parti kontendenti u mhux spjegat jekk dawn humiex fil-fatt kollha ulied il-konjuġi Grech;

Illi ma ġewx ippreżentati riċerki testamentarji tal-istess mejtin konjuġi Grech;

Illi l-anqas ma ġie ppreżentat iċ-ċertifikat tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni dwar il-ħlas tat-taxxa tal-Mewt u Donazzjoni;

Illi qabel xejn trid issir il-prova tal-konsistenza tal-assi tal-konjuġi Grech, u l-verifika tal-kwoti tal-partijiet kontendenti kollha;
1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti in kawża u għalhekk jirrisera li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif ikun edott mill-istess.

Bl-inġunzjoni minn issa stess tal-atturi għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra li eċċepew illi:

1. Illi, fl-ewwel lok irid jingħad illi ma huwiex minnu dak li hemm dikjarat fiċ-ċitazzjoni u ċioe' li l-atturi kollha taw il-kunsens tagħhom biex tiġi istitwita dina l-kawża. Illi fil-fatt il-konvenuti qegħdin jesebixxu ma' dina n-nota tal-eċċezzjonijiet dikjarazzjoni ta' wieħed mis-suppost atturi, Francis Grech, li turi li huwa la kien jaf bil-kawża u wisq anqas ma inkariga lill-ħadd biex jieħu l-ġurament f-ismu.

2. Illi, dwar it-talba għal hatra ta' amministratu għandu jingħad li f'dan l-każ l-istess talba hija waħda supefluwa u dana peress illi fid-dispozizzjonijiet testamentari tal-konjuġi Grech ġie maħtur bħala esekutur testamentarju l-kappillan "pro tempore" tal-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsiem u huwa l-istess esekutur testamentarju li għandu jamminstra u mhux jiġi mahtur amministratur ġudizzjarju ġdid;

3. Illi, mingħajr l-ebda prugudizzju għal premess, il-konvenuti mħhumies jopponi ruħhom għad-diviżjoni kif mitluba purche' li l-ewwel jiġu vverifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet, il-konsistenza tal-assi bit-trasferimenti li saru u li jitħallsu d-djun tal-ereditajiet li hemm għad-diviżjoni;

4. Salvi eċċezjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Carmel Grech.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar 1999 fejn irrevokat in-nomina tal-kuratur Dottor Grazio Mercieca, peress illi l-konvenut Carmelo Grech assuma l-atti f'isem ħutu msefrin Nazzareno Grech u Lucy Galea.

Rat il-verbal ta' l-atturi tad-19 ta' Frar 1999 fejn irtiraw it-talba tagħhom maghmula f'din il-kawża għall-ħatra ta' amministratur sabiex jamministra l-beni pposseduti in komun mill-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess ġurnata fejn ġie nominat l-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku f'din il-kawża sabiex jagħmel stima tal-fondi in diviżjoni u jipprepara pjan ta' qasma.
Rat ir-rapport ta' l-espert minnha nominat ppreżentat fid-29 ta' Ottubru 1999 u minnu maħluf fid-19 ta' Diċembru 2003.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat il-verbal tagħha tas-27 ta' Marzu 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom, Joseph Grech, li miet fis-6 ta' Marzu 1973[1] u Mary Jane nee' Magro, li mietet fis-26 ta' Mejju 1992.[2]

In linea preliminari ġie eċċepit illi l-attur Francis Grech mhux veru kien ta l-kunsens tiegħu sabiex issir din il-kawża. Dwar dan pero' xehed l-avukat Dottor Chris Said,

[1] Dok. A a fol. 7 tal-process .
[2] Dok. B a fol. 8 .

li kkonferma li wara li ntbagħtitlu ittra uffiċċjali sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u diviżjoni bonarja ta' l-eredita' tal-ġenituri tiegħu,[3] u ma ntlaħaqx ftehim, Francis Grech kien qabel ma' l-atturi l-oħra illi tiġi ntavolata din il-kawża.[4] Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda.

Fil-mertu mbagħad nsibu illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna żviluppat diversi prinċipji li għandhom jiġu applikati f'kawżi bħal dawn. Hekk ingħad illi:

"*F'materja ta' diviżjoni ta' beni komuni jeżistu dawn ir-regoli bażiċi:*

*1. Il-kondividenti għandhom dritt jieħdu sehemhom mill-ħwejjeġ komuni in natura;*

*2. Mill-qasma jeħtieġ li titnissel ripartizzjoni ugwali;*

*3. Wieħed għandu jirrikorri għal-liċitazzjoni bħala rimedju straordinarju w eċċezzjonali meta d-diviżjoni ma tistax isir komodament u mingħajr ħsara jew preġudizzju għall-kondividenti (Rita Grech et vs Giuseppe Zammit, Appell Civili, 15 ta' Lulju 1969);*

4. *Fid-diviżjoni ta' assi ereditarji jridu jinġiebu fil-qasma dak kollu li jidħol f'dawk l-assi. Dan skond il-prinċipju illi **'judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere'**.*" [5]

Irriżulta illi permezz tat-testment *unica carta* tagħhom ta' l-20 ta' Lulju 1961,[6] li l-kontendenti lkoll jaqblu illi huwa t-testment li għandu jirregola din id-diviżjoni,[7] il-konjuġi Grech, wara li ħallew diversi legati u prelegati, istitwew il-ħdax-il uliedhom u t-tfal ta' binhom premorjent George, eredi universali tal-beni tagħhom, fi kwota għalhekk ta' wieħed minn tnax (1/12) il-parti kull wiehed jew wahda,

---

[3] Dok. CS 1 a fol. 61 - 2 .
[4] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 60 .
[5] Prim' Awla : Melkisedek Deguara vs Rose Calleja : 2.10.2003 .
[6] Atti Nutar Dr..Antonio Galea : Dok C a fol. 9 - 20 .
[7] ara ammissjoni tal-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom

.

bit-tfal ta' l-imsemmi George Grech, jieħdu r-rimanenti tnax-il parti bejniethom.

Mill-lista tal-beni annessa mad-denunzja tas-suċċessjoni ta' Joseph Grech, magħmula mill-konvenut Nazzareno Grech,[8] jirriżulta illi fl-epoka tal-mewt tiegħu l-attiv u passiv tiegħu kien jikkonsisti f'nofs indiviż (1/2) mis-segwenti:

1. dar numru 129, Mgarr Road, Għajnsielem, stmata Lm1000;

2. dar ġdida bla numru konsistenti f'terran, stmata Lm400;

3. biċċa raba' mhux fabbrikabbli msejjħa "ta' Cumbu" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel ċirka żewġ siegħan u erba' kejliet, stmata Lm48;

4. dgħajsa tal-latini bl-isem "Sacra Famiglia" (Gozo Boat 32), stmata Lm1500;

5. maħżen bin-numri : 22, 23, 24 Mgarr Road, Għajnsielem, stmat Lm500;

6. truck Bedford qadim ħafna, stmat Lm200;

7. truck Bedford ieħor, stmat Lm500;

8. avvjament tan-negozju tal-ġwies u merċa, stmat Lm400;

9. għamara d-dar, stmata Lm24;

10. stock fl-imħazen tal-valur ta' Lm7707.51, li minnhom kellhom jitnaqqsu Lm9000.60, dovuti lil diversi *suppliers*;

11. debituri : Lm5183.65;
12. Flus id-dar : Lm100;

[8] Dok. D a fol. 22 – 23 .

13. Investiment ta' Lm470 Barclays Bank;

14. G.B.P. 1000 Barclays Bank, 3 1/2 War Loan;

15. G.B.P. 1000 Barclays Bank 3 1/2 War Loan;

16. G.B.P. 1000 Barlcays Bank 3 1/2 War Loan, stmati t-tliet investimenti fl-epoka tal-mewt tad-decujus : Lm1053.75;

17. Kreditu ta' Lm1786.66,7 dovuti kwint kull wieħed minn Loreta mart George Galea, John Grech, Francis Grech, Nazzareno Grech u Anthony Grech bħala prezz li għadu mhux imħallas ta' biċċa raba' msejjħa "Ta' Peppi" limiti ta' Għajnsielem,

18. Kreditu ta' Lm500 bħala bilanċ minn somma akbar dovuta minn Victor Scicluna mill-prezz ta' Lm1050 għall-post numru 131,Mgarr Road, Ghajnsielem;

19. Kreditu ta' Lm1150 dovuti minn Carmelo Grech, prezz ta' fond numru 10, Fawwara Street, Għajsnielem;

20. Kreditu ta' Lm550 dovuti minn Paul Grech bħala prezz mhux imħallas ta' fond konsistenti f'biċċa raba bi 22 pied faċċata għal Mgarr Road, Għajnsielem.

Imbagħad fid-denunzja ta' Mary Jane Grech, ġie dikjarat illi din kellha nofs indiviż mill-beni ndikati fin-numri 1, 2, 3, 5, 13, 14, 15, u 16 hawn fuq u ma jissemma xejn dwar l-assi jew debiti oħra ndikati fid-denunzja ta' żewġha.[9] Fid-denunzja addizzjonali ta' l-istess *decujus,* ġie dikjarat illi din ma kellha xejn mill-investiment indikat fil-paragrafu 13 hawn fuq.[10]

[9] ara kopja tad-denunzja relattiva a fol. 24 tergo
[10] ara kopja tad-denunzja relattiva a fol. 26 tergo

L-assi mmobbli rimanenti tal-mejtin konjuġi Grech ġew stabiliti mill-espert nominat mill-Qorti li kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. dar bin-numru mija disa u ghoxrin (129) Triq l-Imgarr, Għajnsielem, Għawdex, li fuq wara għandha biċċa raba tal-kejl ta' ċirca 453 metri kwadri,[11] (li presumibilment hija l-istess għalqa "ta' Cumbu" ta' kejl simili, u ndikata bħala "Item 3" fid-denunzja ta' Joseph Grech) stmati mill-perit tekniku tal-valur komplessiv ta' sitta u tletin elf lira maltija (Lm36,000);

2. Dar N/B fi Triq l-Imgarr, Għajnsielem, stmata : Lm45,000; u

3. Mħażen bin-numi : 22, 23, 24 Triq l-Imgarr, Għajnsielem, stmati : Lm60,000.

Dawn il-beni ġew dikjarati mill-perit tekniku bħala mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti.[12]

Il-kontendenti jidhru li qablu mal-konsistenza ta' dawn l-assi mmobiljarji u l-valur attribwit lihom. Fejn hemm kontestazzjoni, huwa dwar x'ġara mir-rikavat tan-negozju li kellu Joseph Grech, mill-investimenti, krediti u beni mobbli oħra li kellhom il-ġenituri tagħhom.

Mill-ftit provi li ġew prodotti f'dan ir-rigward, irriżulta illi wara l-mewt ta' Joseph Grech, in-negozju tiegħu ta' *wholesaler* tal-ġwies u trasport tal-merċa minn Malta baqa' jiġi ġestit għal xi żmien minn erba' minn uliedu subien : Carmelo, Pawlu, Zarenu u Frencu. Fil-bidu tas-snin tmenin, billi kien hemm kompetizzjoni kbira mill-vapuri tal-Gozo Channel, in-negozju mar lura ħafna u ddeċidew li jżarmaw. Mir-rikavat li kien baqa' wara li xoljew, taw tlettax-il elf lira (Lm13,000) lil ommhom, żammew tlettax-il elf lira (Lm13,000) oħra għalihom u taw sebat'elef lira (Lm7000) lil oħthom Loreta talli kienet qed

[11] ara pjanta a fol. 94 .
[12] ara relazzjoni peritali a fol. 92 .

tieħu ħsieb lil ommhom.[13] L-atturi jikkontendu illi huma ma ħadu xejn minn dan ir-rikavat. Mid-denunzja ta' Joseph Grech, jidher illi fl-epoka tal-mewt tiegħu, in-negozju tiegħu iħjed kellu djun milli assi, u allura kwalunkwe flus li setgħu ġġeneraw uliedu wara mewtu, kienu proprjament jappartjenu lill-omm bħala usufruttwarja. Għalhekk, kif sewwa josservaw il-konvenuti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, dakinhar l-omm, bħala usufruttwarja ġenerali tal-beni kollha ta' żewġha, u eżentata kif kienet mill-obbligu tal-formazzjoni tal-inventarju,[14] il-ġestjoni tan-negozju ta' żewġha setgħet tafdah lil min riedet, u l-istess ir-rikavat minn dan in-negozju setgħet tiddisponi minnu kif deherilha, mingħajr kontroll ta' ħadd.

L-attur Ganni Grech jippretendi wkoll illi ma ha xejn mill-investimenti bankarji. Irriżulta pero' mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank HSBC,[15] illi ir-rikavat minn dawn l-investimenti kien ġie rilaxxjat a favur tan-Nutar Dr. Ino Mario Grech li kellu prokura mingħand il-werrieta. Kien jispetta għalhekk lill-istess attur li jinġunġi lil Dr. Grech ħalli jispjega x'għamel b'dawn il-flus u lil min għaddihom, ħaġa pero' li baqa' qatt ma għamel.

Id-dgħajsa tal-latini nbiegħet lill-avukat Dr. Gauci Maistre għall-prezz ta' elf lira (Lm1000) u jidher illi hemm qbil illi r-rikavat inqasam bejn kulħadd, minkejja illi skond it-testment din tħalliet bħala legat lil tmienja minnhom biss.[16] Imma dwar x'ġara mill-oġġetti l-oħra mobbli msemmija fid-denunzja ta' Joseph Grech ħadd ma kien jaf jgħid.

Mill-istess denunzja jidher illi kien hemm ukoll il-kreditu li kellu l-assi tal-mejjet kontra ħafna minn uliedu jew żwieġhom dwar flus mislufa minnhom għax-xiri ta' *plots* għall-bini tad-dar tagħhom.[17] Dwar dawn ukoll ħadd ma semma xejn.

---

[13] ara depożizzjoni ta' Carmelo Grech a fol. 144 - 153 .
[14] artikolu II tat-testment unica carta tal-20.7.1961; Dok. Ca fol. 10 .
[15] ara depożizzjoni ta' Mario Galea a fol.103 – 105 .
[16] ara xhieda ta' Carmelo Grech a fol. 147 u dik ta' Loreta Galea a fol.164 .
[17] ara lista tal-beni annessi mad-denunzja ta' Joseph Grech, Dok. D para. 14 - 17 a fol. 23

Kien hemm ukoll l-allegazzjoni ta' Loreta Galea li l-kondivident Wistin Grech kien ingħata Lm3500 minn missieru akkont ta' sehmu.[18] Imma din baqgħet sempliċi allegazzjoni u ma ġiet bl-ebda mod sostanzjata.

L-unika ħaġa li rriżultat biċ-ċert għax hija dokumentata, hija l-ħlas tal-legat ta' seba' mitt lira (Lm700) kull waħda illi sar minn Mary Jane Grech lin-neputijiet tagħha ulied il-mejjet George Grech, a tenur l-artikolu VIII tat-testment. Dawn il-flus skond it-testment kellhom ikunu akkont ta' sehemhom, imma l-Qorti taqbel ma' dak li qalu l-konvenuti f'dan ir-rigward fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, illi fiċ-ċirkostanzi, fejn hemm daqshekk inċertezzi dwar x'ġara sew minn ħafna mill-assi mobiljarji tal-mejtin konjuġi Grech, ma jkunx xieraq illi l-imputazzjoni issir biss fil-konfront ta' dawn it-tliet kondividenti, ulied George Grech.

Għalhekk id-diviżjoni tal-beni rimanenti, konsistenti unikament mit-tliet fondi deskritti mill-perit tekniku, u provenjenti lill-ahwa Grech mill-eredita' tal-genituri jew nanniet tagħhom, għandha ssir billi dawn it-tliet beni jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni, sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti, kulħadd skond sehmu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tiddikjara proċediment eżawrit dwar l-ewwel talba, billi din ġiet rinunzjata;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-beni li baqa' għall-qasma, formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Joseph u Mary Jane Grech kienu jikkonsistu fit-tliet proprjetajiet deskritti mill-perit tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu, u ċioe':

(a) id-dar numru mija disa' u ghoxrin (129), Triq l-Imgarr, Għajnsielem, Għawdex, bil-biċċa raba

[18] ara xhieda ta' Loreta Galea a fol. 156.

annessa tal-kejjl ta' ċirca erba' mija tlieta u ħamsin metri kwadri (453m.k.);

(b) dar bla numru fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex;

(c) mħażen numru: tnejn u għoxrin (22), tlieta u għoxrin (23) u erba' u għoxrin (24), Triq l-Imgarr, Gajnsielem;

3. tilqa' t-tielet talba;

4. tilqa' r-raba talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Joseph Grech billi tiddikjara li dawn jikkonsistu f'nofs indiviż mill-proprjetajiet deskritti mill-perit tekniku, u msemmija hawn fuq;

5. tiċħad il-ħames talba' billi dawn il-beni mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti;

6. tilqa' is-sitt talba u tordna l-bejgħ ta' l-istess beni b'liċitazzjoni, sabiex ir-rikavat jiġi perċepit ugwalment bejn it-tnax-il ulied ta' l-istess Joseph Grech jew id-dixxendenti tagħhom;

7. tilqa' s-seba' talba u tiddikjara illi l-assi partikolari ta' Mary Jane Grech jikkonsistu f'nofs il-beni deskritti mill-perit tekniku;

8. tiċħad it-tmien talba billi dawn il-beni mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti;

9. tilqa' d-disa' talba u tordna l-bejgħ in liċitazzjoni ta' dawn il-beni sabiex ir-rikavat jiġi perċepit ugwalment bejn it-tnax-il ulied ta' l-istess Mary Jane Grech jew id-dixxendenti tagħhom;

10. tiċħad l-għaxar talba.

L-ispejjeż, billi din hija kawża ta' diviżjoni ta' beni provenjenti minn eredita', għandhom jiġu ssoportati

ugwalment bejn il-kontendenti kollha, kulħadd skond sehmu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------